## X’sar ġdid fl-Oratorju Marija Immakulata

Mhux l-ewwel darba li jkollna bżonn nużaw xi apparat jew armar fl-Oratorju u nindunaw li dan għandu bżonn manutenzjoni waħda sew. Hekk ġralna meta l-Kor kellhom bżonn jużaw it-taraġ għas-serata. Il-ħadid u l-fallakki kollha kellhom jiġu mibruxa u miżbugħa. L-imwejjed kollha li jintużaw għall-palk u meta jkollna xi fiera ġew miżbugħa wkoll. Ħadna l-opportunita’ biex meta kellna dan l-armar kollu barra, l-kamra fejn jinżammu dawn l-affarijiet ġiet imkaħħla u mbajda.

Ta’ kull sena nieħdu ħsieb xi klassijiet tad-duttrina u din is-sena ġew imbajda erba’ kmamar tad-duttrina u nżebgħu l-aperturi. Fil-kmamar kollha tad-duttrina komplejna nagħmlu ‘cupboards’ fejn il-katekisti jkunu jistgħu jpoġġu fihom l-apparat li jużaw għat-tagħlim tad-duttrina. Madwar l-Oratorju biddilna l-‘emergency lights’ li kienu spiċċaw, biex f’kas li jinqata’ d-dawl ma jkunx hemm paniku.

Is-sena l-oħra figura sabiħa ‘life size’ tal-Madonna ġiet ġentilment mogħtija lill-Oratorju minn Manwel Vella u din is-sena kompla ħallas għal spotlights u ‘street lamp’ oħra biex tingħata dehra isbaħ u tiġi mdawla iżjed din in-naħa ta’ madwar il-Madonna. Żidna wkoll tliet bankijiet oħra tal-ġebel fil-grawnd.

Grazzi lil tant ġenituri tal-għajnuna li tagħtu lill-Oratorju tagħna . Aħna nwegħdukom it-talb tagħna.

Ikun xieraq li intom ġenituri flimkien mat-tfal tagħkom, studenti, membri, ex membri u ħbieb tieħdu sehem fil-programm qasir li fassalna għall-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni.

## Biċċa mill-Kurunella tal-Kunċizzjoni Immakulata

1. Lejna ħares, o Ħanina
awn quddiemek mixħutin,
bħala wliedek, ifraħ bina,
allavolja midinbin.
2. Kemm sabiħa għamlek Alla,
sa mill-bidu li Inti nħlaqt,
ħares fis, u xejn ma ħalla
li tittabba’ f’dak il-waqt.
3. Malli nsiru, d-dnub jaħtafna;
dana lilek ma ġarax;
dak il-għadu li ġarrafna
lilek jirbaħ ma setax.
4. Xejn ma kellha x’taqsam miegħek
dik il-ħtija ta’ kulħadd;
kollu safi l-bidu tiegħek;
id-dnub fik ma deher qatt.
5. Allavol’ Adam missierek,
ħtija minnu, Int, ma ħadtx;
lilek kmieni Alla bierek,
u mal-ħażen ma tħallatx.
6. Wera Alla wisq kburija
meta għamlek fost in-nies!
Min qatt jista’, o Marija,
ta’ li tak isib il-qies?!

# Oratorju Marija Immakulata Mosta



## Kunċizzjoni 2011

## Messaġġ mill-Arċipriet u Direttur Dun Mario Tong

Il-Knisja mxerrda mad-dinja kollha kull sena tiċċelebra l-festa tat-tnissil bla tebgħa ta' dnub tal-Verġni Mqaddsa Marija. Hija festa għażiża għall-insara kollha.

Dik li kienet tant marbuta mal-Mulej, omm u dixxiplu eżemplari ta' Ġesu', jistħoqqilha kull ġieh, qima u mħabba.

Marija Immakulata hija wkoll il-patruna tal-Oratorju. Din hi festa tagħna wkoll.

Ġieli semmejt li nara l-Oratorju bħala 'dar' li Marija għandha fostna, fil-kommunita' parrokkjali tagħna fil-Mosta. Hawn issir ħafna attivita', tagħlim, talb u formazzjoni fil-ħajja nisranija. Kif jista' jkun li Marija ma tkunx kuntenta b'dan kollu? Hi li tgħidilna " agħmlu kull ma jgħidilkom hu" tbierek il-ħidma u l-ħajja ddedikata għall-formazzjoni ta' ħajja nisranija.

Bħala omm tieħu gost tara numru sabiħ minn wliedha joffru l-ħin u t-talenti tagħhom biex iġibu kultura u mentalita' nisranija. Tbierek tant ħidma li ssir minn ħafna biex jgħallmu u jrawwmu tant tfal, adolexxenti u żgħażagh biex jagħrfu x'inhi l-ħajja nisranija u jgħixuha b'ferħ u entużjażmu.

F'dan l-aħħar messaġġ tiegħi bħala Direttur tal-Oratorju rrid nesprimi wkoll is-sodisfazzjon tiegħi għal dak kollu li jsir fl-Oratorju. Bħala Arċipriet l-Oratorju kien ta' sodisfazzjon u kuraġġ kbir għalija. Hu bejta ta' ħidma bżonnjuża u sabiħa fil-bini ta' komunita' nisranija.

Illum irrid nirringrazzja lill Alla talli pprovda dan il-post, u grazzi lil dawk kollha li jagħtu s-sehem tagħhom biex dan il-post ikun ħaj u attiv.

L-istedina tiegħi hi li tkomplu <u>żżommu</u> din id-"dar ta' Marija" ħajja u attiva. Komplu aħdmu bil-mod għaqli u nisrani kif għamiltu s'issa. Komplu kunu wlied u qaddejja ta' Marija Immakulata.

Marija Immakulata, l-Omm u s-Sinjura tal-Oratorju, tkompli tħariskom u tmexxikom.

# Programm tal-Festa

***Il-Ġimgħa 2 ta' Diċembru***

***fis-6.30pm***

Ċelebrazzjoni Marjana għall-istudenti.

***It-Tnejn 5 ta' Diċembru***

***fis-6.30pm***

Quddiesa mill-Kan.Arċ. A. Camilleri

għall-membri, katekisti, ex-membri u

benefatturi tal-Oratorju.

***L-Erbgħa 7 ta' Diċembru***

***fil-4.45pm***

Adorazzjoni fis-Sala

Papa Wojtyla

għat-tfal tad-duttrina

Imexxi : Fr Brendan Gatt

**Il-Ħamis 8 ta'Diċembru**

**Jum il-Festa**

Fil-Knisja Arċipretali

***Fid-9.30am***

Rużarju

***Fl-10.00am***

Quddiesa

Mir-Rev. Arċ. Dun Mario Tong

bis-sehem tal-Kor Shalom

Mistednin jieħdu sehem b'mod speċjali t-tfal, l-istudenti u l-membri tal-Oratorju flimkien mal-ġenituri tagħhom.

***Katina tar-Rużarju***

***quddiem Ġesu` Sagramentat***

***Fis-Sala Papa Wojtyla***

3.00pm – Imexxu l-membri nisa AK

3.30pm –Tfal tad-duttrina u katekisti

4.00pm – Membri kbar tal-Oratorju

4.30pm – Studenti u żgħażagħ

Fil-5.00pm – Adorazzjoni, Għasar u Barka Sagramentali